**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Gunju 2025**

**<u>Rikors nru : 278/2025 AGV ;</u>**

**EK C**

**U**

**AC**

**Vs**

**X**

Il-Qorti;

Rat ir- Rikors ta' EK C u AC ai termini tal-Artikolu 66 a tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Jespni bir-rispett :

1. Illi l-esponenti zzewgu nhar it-tmintax ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) (DOK A) U il-partijiet addottaw lill-minuri GSC li twieled Cambodia fis-sebgha ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (07.09.2010) u ghalhekk ghadu minuri ;

2. Il-partijiet jiddikjaraw illi huma ilhom separati permezz ta' kuntratt in atti Dottor Sylvana Borg Caruana mis-sebgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) (DOK B) ;

3. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnithom peress illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin ;

4. Illi ma hemm l-ebda obbligazzjoni ta' manteiment bejn il-partijiet u lanqas versu it-tifel minuri taghhom .

5. Illi ghalhekk r-rikwiziti tal-Artikolu 66 b huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.

Ghaldasqtant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntratt bejn il-partijiet nhar it-tmintax ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;

b) Tawtorizza lir-rikorrenti A C  tirriverti ghal-kunjom xbubitha u cioe 'A' ;

c) Tordna lid-digriet ta' din Onorabbli Qorti jigii notifikat lid-direttur tar-registru Pubbliku sabiex il-hall taz-zwieg jigi debitament registart skont il-ligi u

d) Taghti kull provvediment ulterjuri li din Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tilqa it-talba u tordna li AC tirreverti ghal kunjom xbubtiha, u cjoe 'A'.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |